MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2010

Numru 421/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Therese Sciberras)**
**vs**

**JOSEPH FENECH**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Joseph Fenech ta’ 45 sena, mwieled fil 20/03/1965 Pieta bin il-mejjet Joseph u l-mejta Irene nee Borg u residenti f’Destiny Triq l-Isqof Baldassare Cagliares B’Kara/164 Meadowbank Mansions Flat no 20 Triq it-Torri Sliema, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 165065M,

Billi gie akkuzat talli, fi 28 ta’ Marzu 2010 f’xi hin bejn nofs inhar u seba ta filghaxija f’dawn il-gzejjer f’Bugibba San

Pawl il-Bahar volontarjament ghamel hsarat li huma aktar minn 23.33 euros u anqas minn 11,650 euros fuq il-vetturi bin-numru tar-registrazzjoni TRD 202 u JBJ 259 ghad dannu ta terzi persuni

U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi ingurja jew hedded lil Charles Cassar u Tania Fenech

U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna feriti ta natura hafifa fuq Charles Cassar hekk kif gie iccertifikat minn Dr A. Cachia MD Reg no 2863

U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi meta kien fil-pubbliku, qal xi kliem oxxenn jew indicenti li kien ukoll jikkonsisti f'dagha.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta protezzjoni fil-konfront ta' Charles Cassar u Tania Fenech

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum Dr Roberto Montaldo ghall-parte civile Charles Cassar u Tania Fenech iddikjara li l-imputat diga' hallas dak kollu dovut rigward dan il-kaz lill-istess parte civile u ghaldaqstant iddikjara li l-parte civile Charles Cassar u Tania Fenech qeghdin jirrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat kull fejn hu rinunzjabbli.

Innutat ukoll li l-imputat, fl-ezami tieghu, wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza, tat-tieni akkuza u tal-hames akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi ta' l-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-

ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza, tat-tieni akkuza u tal-hames akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 325(1)(a), 338(dd), 338(bb) u 342 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Joseph Fenech, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel akkuza, tat-tieni akkuza u tal-hames akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali netta tal-imputat, dak dikjarat minn Dr Roberto Montaldo ghall-parte civile Charles Cassar u Tania Fenech fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Seduta, li l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat fil-Verbal tas-Seduta tallum li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u il-kontenut tad-Dok TS 11 esebit mill-Spettur Therese Sciberras fid-deposizzjoni taghha moghtija fis-Seduta tallum, tillibera lill-istess imputat Joseph Fenech taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) millum.

Rigward it-tielet akkuza u ir-raba' akkuza migjuba kontra l-imputat Joseph Fenech, fid-dawl ta' dak dikjarat fil-Verbal tas-Seduta tallum minn Dr Roberto Montaldo ghall-parte civile Charles Cassar u Tania Fenech kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tiddikjara procediment esaurit stante rinunzja.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Joseph Fenech b'obbligazzjoni personali ta' elf Ewro (Ewro 1000) li jzomm il-kwiet ma' Charles Cassar u ma' Tania Fenech u li jzomm il-bon ordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat Joseph Fenech l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment il-Qorti, a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna li kopja ta’ din is-Sentenza u l-atti kollha ta’ dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------